MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 329/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Aquilina)**
**Vs**

**Raymond Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 t'Awissu, 2005 u fit-30 t'Awissu, 2004, f'Milend Street, Hamrun, naqas li jaghti access ta' wliedu Roderick u Ivana lil martu Ruth Stivala, ID no. 64269(M), hekk kif ordnat f'digriet nru. 624/2005 mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Gino Camilleri, fid-9 ta' Mejju, 2005 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2005, li biha,

wara li rat l-Artikoli 338(II) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal twiddiba w canfira.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ :-
1. li cio’nonostante kull ordni li kien hemm biex Ruth Stivala jkollha access, irid jigi ezaminat jekk ir-rifjut tal-appellant ghal tali access kienx gustifikat minn raguni xierqa ai termini tal-artikolu 338(LL) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax il-ligi inseriet din is-salvagward biex thares l-interess tat-tfal minuri f’ kaz li minkejja l-ordni ta’ Qorti, xorta ma jkunx fl-interess tal-minuri li tali access jinghata. F’ dan il-kaz jirrizulta li Ruth Stivala b’ mod persistenti sfidat kull ordni w avvertiment tal-Qrati li tali access ma ghandux isir fil-prezenza tal-persuna ta’ Joseph Barry, li, tant hi inkatenata mieghu, li waslet biex tilfet il-kura u l-kustodja tat-tfal. Illi fid-data imsemmija l-appellant kellu provi sufficjenti, bhal ma dejjem kellu anki fid-dawl ta’ diversi digrieti moghtija w prezentati li Ruth Stivala, minnhabba l-ghamad li ghandha w mitlufa kif inhi wara l-imsemmi ragel, it-tfal baqghet u ghadha tohodhom fil-prezenza tieghu minkejja li huwa ta’ dannu kbir ghall-imsemmija minuri. Kien ghalhekk li l-appellant rrifjuta l-access u din kienet raguni xierqa fit-termini tal-artikolu 338 (ll) tal-Kap.9 biex tezenta lill-appellant minnn kull responsabbilta’ kriminali. Li aktar minn hekk, din il-Qorti hija konferita bil-poter ai termini tal-artikolu 149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta li fl-interess suprem tal-minuri, tista’ taghti kull provvediment u ordni li jidhirlha xierqa fic-cirkostanzi, inluza dik li f’ cirkostanzi simili tapprova agir tal-appellant ghar-rifjut tieghu tal-access in kwistjoni. Di piu’, il-fatti kif addebitati ma jirrizultawx kif ser jigi pruvat fil-kors tal-appell u ghalhekk l-akkuza ma tirrizultax.

**Semghet ix-xhieda w hadet l-informazzjoni kollha mehtiega fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2006.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju principali tal-appellant hu li hu kellu dritt li ma jobdix l-ordni moghti fid-Digriet tal-Qorti Civili ghaliex martu kienet qed tiehu l-minuri mall-habib taghha kontra l-interess tal-istess minuri w ghalhekk kellu *"raguni xierqa"* fit-termini tal-artikolu li jikkontempla din il-kontravvenzjoni**

**Illi mix-xhieda ta'** Ruth Stivala **jirrizulta li fit-2 t' Awwissu, 2005 , meta marret biex tiehu l-minuri mid-dar tal-appellant il-Hamrun, hu ma tahomlix. Qalet ukoll li d-data l-ohra li tidher fil-komparixxi - w ergo ukoll fis-sentenza appellata - tat-30 t' Awwissu, 2004, hija data zbaljata w li ma kien gara xejn f' din l-ahhar data. Hi stqarret li ghandha *boyfriend*, pero' sostniet li fid-data in kwistjoni hi kienet marret ghat-tfal wahedha u ma kientx ser tohodhom mall-*boyfriend* dakinhar. It-tfal kienet tohodhom jew ghand ommha jew ghand il-Macdonalds. L-appellant kien jghidilha li mhux ser jatiha t-tfal fuq parir legali li kellu.**

**L-Appellant xehed li veru ma tax it-tfal lill-martu fid-data in kwistjoni w dan ghax tkun ma' Joseph Barry, skond ma jghidulu t-tfal, pero', meta giet ghalihom, wahedha kienet.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi bhala fatt , jidher li l-appellant fid-data in kwistjoni agixxa bil-mod li agixxa biss fuq is-suspett – fondat**

**jew le – li martu kienet ser tiehu lill-minuri fil-kumpanija ta' Joseph Basrry li hu ghandu oggezzjoni li t-tfal ikunu mieghu. Pero', *"ex admissis",* meta martu marret ghat-tfal, kienet wahedha w hu allura kien biss qed jagixxi fuq suspett fuq dak li qalulu uliedu, li f' dan il-kaz lanqas biss xehdu.**

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbli difensur semma diversi ragunijiet – li jistghu ikunu serji jekk jirrizultaw pruvati – ghaliex l-appellant kellu *"raguni xierqa"* biex jirrifjuta l-access lill-martu . Pero' la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti ma saret l-icken prova ta' dak li gie allegat u din il-Qorti ma tistax tibbaza l-iskuzanti li qed jinvoka l-appellant biex ma osservax l-ordni tal-Qorti fuq semplici kongetturi, suspetti jew allegazzjonijiet mhux sostanzjati bi provi li ghall-inqas iwasslu ghall-konvinciment sal-grad tal-probabbli li trid tilhaq id-difiza.**

**Illi jekk l-appellant kellu xi suspett qawwi jew prova li martu kienet qed tiehu lill-uliedu ma' xi *persona non grata* , r- rimedju li kellu kien li jadixxi l-istess Qorti li kienet akkordat l-access lil martu tat-tfal minuri u jitlob varjazzjoni tad-digriet li jordna l-access. Pero' bl-ebda mod ma kien intitolat li jissospendi - anki temporanjament – l-access sakemm id-Digriet li jkun jirregola l-access jkun ghadu *in vigore*.**

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-access ghall-ulied minuri, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, dment li ma jippruvax sal-grad tal-probabbli li ghandu raguni xierqa biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha.

**Ghalhekk fl-assenza tal-inqas prova konkreta li setghet taghti "*raguni xierqa*" lill-appellant biex tirrifjuta l-access u meta hu stess stqarr li fil-fatt dak in-nhar tat-2 t' Awwissu, 2005, ma tax access ghat-tfal, l-aggravju tal-appellant fil-mertu ghandu jigi respint ghajr ghall-fatt li ma jirrizultax li din il-kontravvenzjoni giet mimnnu kommessa ukoll fit-30 t' Awwissu, 2004, li hi ovvjament data zbaljata, kif stqarret l-istess Ruth Stivala fix-xhieda taghha.**

**Illi lanqas ma hi kompetrenza ta' din il-Qorti ta' Appell Kriminali li taghti provvedimenti dwar il-minuri skond l-artikolu 149 tal-Kap.16 , kif jippretendi l-appellant li ghandha taghmel u l-artikolu minnu citat ovvjament ma japplikax ghal din il-Qorti li xogholha hu biss li tikkonsidra appelli mill-Qrati tal-Magistrati ta' kompetenza kriminali .Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn sabet lil-appellant hati li naqas li jaghti access ta' uliedu Roderick u Ivana Stivala lill-martu Ruth Stivala fit-30 t' Awwissu, 2004 u tilliberah minn din il-parti tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu billi ma tirrizultax w tikkonfermaha fil-kumplament .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------